MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 11/2012

**Corinne Camilleri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fl-4 ta' April 2012 fejn l-Arbitru ppronunzja ssegwenti

"*L-Arbitru*

*Deher Ivan Cilia għad-Direttur*

*Meta ssejjaħ l-appell, dehret l-appellanti assistita mill-Avukata L Pulis. Deher ukoll ir-rappreżentant tad-Dipartiment.*

*Id-difensur tal-appellanti ikkonfermat illi qabel inbiegħet id-dar ta' ommha hija ma kellhiex mezzi u kien biss wara li ġiet mibjugħa din id-dar li hija setgħet takkwista dar għaliha.*

*Ir-rappreżentant tad-Dipartiment issottometta illi l-appellanti kienet fil-fatt proprjetarja tal-fond ta' ommha u naqqset li tinforma b'dan lid-Dipartiment u kien biss wara li twaqqfitilha l-għajnuna li tat id-dettalji meħtieġa.*

*Peress illi mill-provi u mix-xhieda li ngħatat jidher li d-deċiżjoni tad-Dipartiment kienet ġustifikata u dan l-appell għandu jiġi miċħud."*

Aggravata b'din id-decizjoni l-appellanti Corinne Camilleri ressqet dana l-appell fejn ilmentat illi l-Arbitru ħa deċiżjoni erroneja  stante illi hija ma kenitx proprjetarja tal-fond residenzjali ta' ommha Gemma Portelli, imma saret proprjetarja tan-nofs indiviż tal-maisonette li kien jappartjeni lil ommha wara l-mewt tagħha fil-21 ta' Frar 2008. Illi din il-proprjeta inbieghet f' Dicembru tas-sena 2010 u mir-rikavat ta' sehemha minn dan il-bejgh hija akkwistat in-nofs indiviz tad-dar matrimonjali taghha, liema sehem kien jappartjeni lil zewgha minnu legalment isseperata sa mill-2004. Hija tgħid ukoll illi hija kienet infurmat lid-Dipartiment dwar il-bejgħ tar-residenza ta' ommha fl-14 ta' Diċembru 2011, u ċioe wara li kien ġie ippublikat il-kuntratt ta' bejgħ.

Huwa necessarju illi qabel kull konsiderazzjoni ohra jigu ffissati dawn il-fatti u cirkostanzi kif jinzlu mill-inkartament tal-kaz quddiem l-Arbitru:-

L-atti juru illi l-appellata kienet ir-recipjenti ta' beneficcju ghall-Ghajnuna Socjali.

B'ittra tat-28 ta' April 2011, l-appellanti ġiet infurmata illi hi kienet thallset zejjed is-somma €17,499,93 ghall-perijodu 21 ta' Frar 2008 sa' 18 ta' Frar 2011 u dana peress illi l-wirt minn ommha eċċeda l-skala stabbilita mil-ligi ghall-intitolament tal-beneficcju.

Minn din id-decizjoni l-appellata ressqet gravam lill-Arbitru b'ittra datata 5 ta' Mejju 2011 fejn din qalet illi l-proprjeta imħollija lilha b'wirt minn ommha tikkonsisti biss fi proprjeta immobbli li ġġib l-indirizz Gempal, Sawmill Street Imsida, liema proprjeta inbiegħet f'Diċembru tas-sena 2010 u ghalhekk issostni illi r-rikavat tal-bejgħ ġie għandha biss f'Diċembru tas-sena 2010. Hija żżid illi bis-sehem li wirtet mingħand ommha, u ċioe is-somma ta' €37 500 hija xtrat in-nofs indiviż tad-dar li kienet ir-residenza matrimonjali minn ghand l-ex raġel tagħha.

Premessi dawn il-fatti, jiġi osservat illi l-ligi specjali (Kapitolu 318) tistabbilixxi dawk il-kazijiet li fihom ghandha tinghata l-assistenza previdenzjali. Fil-kawża odjerna jingħad illi d-Direttur isostni illi Corinne Camilleri fil-perjodu bejn l-21 ta' Frar 2008 u t-18 ta' Frar 2011 ma kenitx tikkwalifika għal tali għajnuna soċjali peress illi meta hija giet fil-pussess ta'l-assi ereditarji ta' ommha hija eccediet il-minimu ta' €14 000 skond it-Test tal-Mezzi kif ikkalkolat mit-Termini tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta.

*"Jittraxxendi minn dan illi l-ghotja tal-ghajnuna hi bazata fuq il-presuppost li jezistu r-rekwiziti stabbiliti f'dan il-provvediment rilevanti tal-Kapitolu 318, anke ghaliex hu proprju l-ezistenza ta' dan ir-rekwizit li jifforma n-nukleju fondamentali tar-rapport guridiku interkorrenti bejn l-Istat u l-beneficcjarju;*

*Ma jistax ikun negat illi l-appellanti, rapprezentanti ta' l-Istat ghal dak il-fini ghandu d-dritt, u fuq kollox, id-dover li jaccerta ruhu mill-ezistenza ta' dak ir-rekwizit sija ghall-iskop tar-rapport previdenzjali sija ghal kontinwita` tieghu fid-durata li fih tkun qeghda tigi prestata l-ghajnuna"* (***Sonia Catania vs Direttur tas-Sigurta' Socjali A.I.C. – 22 ta' Mejju 2009)***.

Illi mill-atti probatorji jirriżulta illi fil-21 ta' Frar 2008, ġiet nieqsa omm l-appellanti Gemma Portelli. Din ħalliet bħala werrieta universali tagħha lil appellanti u lit-tifel l-ieħor tagħha Martin Portelli tal-fond Gempal Sawmill Street Imsida. Ghalkemm dan il-fond inbiegħ fid-9 ta' Diċembru 2010, madanakollu t-trasferiment tal-proprjeta *causa mortis* sehh mal-mument tal-mewt ta' omm l-appellanti u cioe' fil-21 ta' Frar 2008 u kien allura f'dan il-mument meta sehem ommha iddevolva fuq l-appellanti u mhux f' Dicembru 2010 meta effettivament inbieghet din il-proprjeta u l-appellanti irceviet ir-rikavat mill-imsemmi bejgh. Illi mill-atti irrizulta illi sehem l-appellanti minn din il-proprjeta fil-mument tal-bejgh kien ilahhaq l-ammont ta' €37 500 u allura din il-Qorti tqies illi dan kien il-valur ta' sehemha fid-data tal-mewt ta' ommha fl-2008 ukoll ghaliex l-appellanti ma iggibx prova kuntrarja ghal dan. Illi kien biss fis-06 ta' Lulju 2011 illi hija uzat dan il-kapital sabiex issir proprjetarja shiha tad-dar fejn hija kienet tirrisjedi ma' uliedha. Dan ifisser allura illi bejn is-snin 2008 u 2011, hija kellha fil-pussess taghha kapital li jeccedi l-€14000 u ma infurmatx lid-Dipartiment b'dan.

Illi l-Att dwar is-Sigurta Socjali jiddisponi illi ghar-rigward tat-test tal-mezzi ghandu jsir l-kalkolu billi jittiehdu in konsiderazzjoni: "***Il-valur ta' kull proprjeta inkluża kull proprjeta mqiegħda fi trust (minbarra d-dar tar-residenza) li tkun tal-membri kollha tal-familja li hija jew tista' tkun, investita***

***jew użata bi profitt b'esklużjoni ta' għamara, ġojjellerija jew oġġetti oħra personali***"

Id-dħul kapitali li ġie f'idejn l-appellanti mal-mewt ta' ommha ma ntużax jew ma ġiex investit minnha **minnufih** fl-akkwist tal-proprjeta biex tintuża bħala r-residenza personali tagħha u ta uliedha. Li kieku dak kien il-każ, dak l-ammont li ddevolva għand l-appellanti b'wirt ma kellux jiġi ikkalkolat ghall-fini tat-test tal-mezzi, u sussegwentament l-Arbitru ma kienx ikollu il-jedd illi jitlob ir-rifuzjoni tal-previdenza socjali imhallsa bejn is-snin 21 ta' Frar 2008 u 18 ta' Frar 2011

Pero dan mhuwiex il-każ u d-dhul li gie f'idejn l-appellanti fl-2008 ma kienx gie investit minnha **minnufih** fl-akkwist ta' proprjeta biex jintuza bhala r-residenza personali taghha u ta' uliedha. L-appellanti wirtet lill-ommha fil-21 ta' Frar 2008 u mill-kuntratt ta' akkwist jirriżulta illi hija akkwistat il-bqija tal-fond illi kien ser jintuża bħala residenza personali tagħha u tal uliedha fis-6 ta' Lulju 2011. Ghaldaqstant abbazi ta' dawn il-motivazzjonijiet il-Qorti ma tarax illi ghandha tvarja id-decizjoni milhuqa mill-Arbitru.

Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------